MALTA

ATT Nru. XXIV ta' l-1997

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jemenda l-Att ta' l-1997 dwar Self Lokali u Self ieħor.

ACT No. XXIV of 1997

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Local and other Loans Act, 1997.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

UGO MIFSUD BONNICI
President

24 ta' Ottubru, 1997

ATT Nru. XXIV ta' l-1997

ATT biex jemenda l-Att ta' l-1997 dwar Self Lokali u Self ieħor.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1997 biex jemenda l-Att ta' l-1997 dwar Self Lokali u Self ieħor, u għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1997 dwar Self Lokali u Self ieħor, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Titolu fil-qosor. Att VI ta' l-1997.

2. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali minflok il-kliem "mitt miljun lira Maltija" għandhom jidħlu l-kliem "mija u ħamsa u sebgħin miljun lira Maltija". Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

3. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali, minnufih fi tmiem il-paragrafu (b) tiegħu, għandu jidħol dan il-paragrafu (ċ) ġdid li ġej:– Emenda ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali.

"(ċ) somma ta' mhux iżjed minn ħamsa u sebgħin miljun lira Maltija sabiex tagħmel tajjeb għal parti mid-deficit fil-Fond Konsolidat li hu mistenni fin-nefqa għas-sena 1997.".

A 590

Mghoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 126 tat-Tnejn, 20 ta' Ottubru 1997.

MYRIAM SPITERI DEBONO
Speaker

RICHARD J. CAUCHI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati